**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 76/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Rodney Borg)**
**(Spettur Andy Rotin)**

**Vs**

**Mary Anne Azzopardi**

**Illum 4 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Mary Anne Azzopardi**, bint Joseph Spiteri u Maria Lourdes Webb neè Vella, imwielda l-Pietà fit-28 ta' Marzu 1966, residenti ġewwa Binja tal-Mensija, Ent. C, Fl7, Triq Orese Kirkop, San Ġwann, u detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 157066(M), talli bejn Jannar u Diċembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022), f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Iffalsifikat ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentement għamlet użu minn waħda mill-karti msemmijin;

3. U aktar talli għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pbbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlet dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żiedet jew biddlet klawsoli dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentement għamlet użu minn att, kitba jew skrittura falza;

5. U aktar talli sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat tagħrif falz;

6. U aktar talli bil-ħsieb li tagħmel delitt ta' frodi, b'għemil qarrieqi, uriet dan il-ħsieb b'atti esterni billi b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex ġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika sabiex tagħmel qligħ bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, tat bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tagħha;

7. U aktar talli bil-ħsieb li tagħmel delitt ta' qligħ b'qerq bi ħsara ta' ħaddieħor u cioè bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, uriet dan il-ħsieb b'atti esterni u tat bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tagħha;

8. U aktar talli kellha fil-pussess ta' jew kellha taħt il-kontroll tagħha xi oġġetti għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija, il-Qorti tikkundanna lil **Mary Anne Azzopardi** għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li inizjalment l-imputata wieġbet li ma hijiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha[1], iżda in segwitu, senjatament fis-seduta tas-26 ta' April 2023[2], hija irreġistrat ammissjoni ta' ħatja għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha, liema ammissjoni ġiet minnha kkonfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietha bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tagħha u tatha biżżejjed żmien biex terġa' tirrikonsidraha u terġa' lura minnha;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 5 sa' 7 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Wayne Borg mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Frar 2023[3] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "WB1" u Dok. "WB2" a fol. 16 u 17 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' George Cremona, in rappreżentanza ta' Income Support & Compliance Division fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, mogħtija waqt is-seduti tas-27 ta' Frar 2023[4] u tat-22 ta' Marzu 2023[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GC" a fol. 27 sa' 58 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Anabel Bugeja mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' April 2023[6] u rat is-Social Inquiry Report minnha mħejji fir-rigward ta' l-impuata markat bħala Dok. "AB" a fol. 64 sa' 108 tal-proċess;

---

[1] Fol. 10 tal-proċess.
[2] Fol. 61 tal-proċess.
[3] Fol. 12 sa' 15 tal-proċess.
[4] Fol. 18 sa' 21 tal-proċess.
[5] Fol. 24 u 26 tal-proċess.
[6] Fol. 62 u 63 tal-proċess.

Semgħet is-sottomissjonijiet da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena u ħadet konjizzjoni tal-fatt li entrambe ddikjaraw li fil-każ in eżami l-piena idoneja tkun li l-imputata titqiegħed taħt Ordni ta' Probation;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li d-dokumenti utilizzati fit-twettiq tar-reati imputati mill-imputata huma meħtieġa fi proċeduri kontra terzi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputata qed tiġi mixlija talli bejn Jannar u Diċembru tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (2022), f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) iffalsifikat ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta' oġġetti, jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern; (2) u aktar talli xjentement għamlet użu minn waħda mill-karti msemmijin; (3) u aktar talli għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pbbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħlet dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żiedet jew biddlet klawsoli dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; (4) u aktar talli xjentement għamlet użu minn att, kitba jew skrittura falza; (5) u aktar talli sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat tagħrif falz; (6) u aktar talli bil-ħsieb li tagħmel delitt ta' frodi, b'għemil qarrieqi, uriet dan il-ħsieb b'atti esterni billi b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex ġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika sabiex tagħmel qligħ bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, tat bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tagħha; (7) u aktar talli bil-ħsieb li tagħmel delitt ta' qligħ b'qerq bi ħsara ta' ħaddieħor u cioè bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, uriet dan il-ħsieb b'atti esterni u tat bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tagħha; (8) u aktar talli kellha fil-pussess ta' jew kellha taħt il-kontroll tagħha xi oġġetti għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Inizjalment l-imputata wieġbet li ma hijiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha iżda imbagħad, fis-seduta tas-26 ta' April 2023, hija rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontirha.

F'dawn il-proċeduri laħqu xehdu l-Ispettur Wayne Borg[7] u George Cremona[8], in rappreżentanza ta' Income Support & Compliance Division fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, illi entrambe spjegaw, anke tramite dokumenti esebiti[9], iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, xi skatta l-investigazzjonijiet fil-konfront ta' l-imputata (u oħrajn) u x'kien l-eżitu ta' l-investigazzjonijiet fil-konfront ta' l-istess imputata. Jirriżulta li l-imputata kienet issottomettiet applikazzjoni mad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali għall-benefiċċju ta' Severe Disability, fil-każ speċifiku l-epilessija. Irriżulta li d-dokumentazzjoni sottomessa lid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali kienet falza u imbagħbsa. Apparte minnhekk, min ikun ibagħti bil-kundizzjoni ta' l-epilessija ma jistax isuq, filwaqt li irriżulta li l-imputata għandha liċenzja tas-sewqan valida.

George Cremona ikkonferma wkoll li għalkemm l-imputata ssottomettiet applikazzjoni għall-benefiċċju ta' Severe Disability, hija ma ħadet l-ebda benefiċċju stante li l-applikazjzoni tagħha ġiet imwaqqfa fid-dawl ta' l-investigazzjonijiet li kienu għaddejjin.

Fid-dawl ta' dawn il-provi u anke fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputata għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha, il-Qorti tqis li għandha, entro l-parametri kif spjegati iktar 'l isfel f'din is-sentenza, issib lill-imputata ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontriha.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li bihom qed tiġi mixlija l-imputata u li tagħhom hija qed tiddikjara li hija ħatja, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputata rreġistrat ammissjoni fi stadju relattivament bikri tal-proċeduri kif ukoll dak li jirriżulta mis-Social Inquiry Report dwar l-imputata imħejji mill-Uffiċjal tal-Probation Anabel Bugeja[10]. Fl-imsemmi rapport l-Uffiċjal tal-Probation Anabel Bugeja osservat u rrakomandat illi *matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport ġie nnutat li Mary Anne Azzopardi tgħix ħajja stabbli fejn il-fokus prinċipali tagħha huma l-familja u l-impjieg tagħha. Dan jindika li fil-preżent il-prijorita ta' l-imputata hi li tgħix stil ta' ħajja sana u dan sabiex tkun ta' sapport għall-familja tagħha. Għaldaqstant l-Uffiċjal tal-Probation hi ta' l-opinjoni li Mary Anne Azzopardi għandha tkopmli tadotta l-istil ta' ħajja kawta li għandha fil-preżent barra fis-soċjetà.*

Dejjem għall-finijiet ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata hija alternattiva għall-ewwel imputazzjoni dedotta kontriha, ir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata hija alternattiva għat-tielet imputazzjoni dedotta kontriha u li s-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputata hija alternattiva għas-sitt imputazzjoni dedotta kontriha.

Għaldaqstant, filwaqt li qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni, ir-raba' u s-seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputata in kwantu huma alternattivi għall-ewwel, it-tielet u s-sitt imputazzjoni rispettivament dedotti fil-konfront tagħha, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(h), 18, 31, 41(1)(a), 167(1), 183, 188(1), 308 u 310BA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputata, fuq ammissjoni tagħha stess, ħatja ta' l-ewwel, it-tielet, il-ħames, is-sitt u t-tmien imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha, iżda fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, fid-dawl tax-xorta tar-reati li tagħhom qed

[7] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Frar 2023, fol. 12 sa' 15 tal-proċess.
[8] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Frar 2023, fol. 18 sa' 21 tal-proċess u xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Marzu 2023, fol. 24 u 26 tal-proċess.
[9] Dokumenti esebiti min George Cremona a fol. 27 sa' 58 tal-proċess.
[10] Dok. "AB" a fol. 64 sa' 108 tal-proċess.

tinstab ħatja l-imputata u fid-dawl tal-karattru ta' l-imputata, is-sorveljanza ta' l-imsemmija imputata minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa sabiex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-pubbliku u tiġi evitata il-possibilità li hija twettaq reati ulterjuri, għaldaqstant ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-imputata taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlettax-il (13) xahar mid-data ta' din is-sentenza taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Probation mogħti llum stess u anness ma' u formanti parti integrali minn din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tfiehem lill-imputata bi kliem li tifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqha u li jekk hija tonqos milli tikkonforma ruħha ma' tali Ordni hekk impost fuqha, jew taghmel reat iehor tul iz-zmien li tali Ordni jkun in vigore, hija tista' tingħata sentenza ghar-reati li tagħhom qed tinstab ħatja f'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza u d-Digriet ghall-hrug ta' Ordni ta' Probation jigu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u li kopja ta' l-Ordni ta' Probation tingħata lill-istess imputata.

Peress illi l-oġġett/i utilizzati mill-imputata fit-twettiq u l-kummissjoni tal-fordi lilha imputata u minnha ammessa huma meħtieġa bħala prova fi proċeduri oħra kontra terzi, il-Qorti mhux qed tordna l-konfiska ta' l-istess imsemmija oġġett/i.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Epserti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**